**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-5 ta' Ottubru, 2018**

**Rikors Kongunt nru: 355/18 AGV**

A u B

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors kongunt tal-partijiet ipprezentat fit-8 ta' Awwissu, 2018 li permezz tieghu ppremettew u talbu s-segwenti:-

Illi l-partijiet izzewwgu nhar it-2 ta' Settembru, 2006 u dan kif inhu evidenzjat mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat bhala Dokument A.

Illi l-partijiet huma legalment separati permezz ta' kuntratt pubbliku datat it-2 ta' Frar, 2016 ippubblikat minn Nutar Dr. Nicholas Vella (Dokument B anness).

Illi l-partijiet jiddikjaraw li qabel ma sseparaw legalment permezz tal-kuntratt hawn fuq imsemmi kienu ilhom separati *de facto* ghal erba' snin u ghalhekk ilhom separati ghal aktar minn erba' snin.

Illi l-partijiet ghandhom wild wahda u cioe' C li twieldet nhar id-29 ta' Gunju, 2007 u li ghalhekk ghadha minuri.

Illi l-partijiet jiddikjaraw li m'hemm ebda pendenza relatata mal-manteniment tal-istess minuri.

Illi l-partijiet jiddikjaraw li huma ddekadew mid-dritt ta' manteniment reciproku u ghalhekk ebda manteniment m'hu dovut (ara klawsola numru 4 tal-kuntratt ta' separazzjoni msemmi aktar 'l fuq).

Illi m'hemm ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi minbarra li ilhom snin mifrudin, illum ghandhom hajja totalment separati minn xulxin u sahansitra ffurmaw rabtiet ma' persuni ohrajn/familji godda.

Illi dawn il-fatti fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjonjiet kollha mehtiega ghall-ksib ta' divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili, Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti, umilment jitlobu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex:-

1. Tippronunzja d-divorzju, ossia l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet.
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fiz-zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat;

Il-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-Ligi sabiex iz-zwieg ta' bejn il-partijiet jigi mahlul u dana peress illi pprovaw illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-2 ta' Frar, 2016, izda ilhom *de facto* sseparati ghal aktar minn erba' snin. Illi r-rikorrenti pprovaw ukoll illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi:-

1. Tilqa' t-talba tar-rikorrent u tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet ai termini tal-Artikolu 66A, wara li gew soddisfatti r-rekwiziti tal-Artikolu 66B tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien ghaxart ijiem millum javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.
2. Tirriduci t-terminu ghall-appell ghall-gurnata.

L-ispejjes jibqghu bla taxxa.

**Imhallef**

**Deputat Registratur**